**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 24/13(31_10_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 31 t' Ottubru 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 t' Ottubru 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Ħatra ta' Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.
6. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
7. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
8. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
9. Il-Munxar Day 2013.
10. Milied 2013.
11. Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
12. Rapport tal-Kumitat Amministrattiv.
13. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
14. Rapport tas-Sindku.
15. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
16. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
17. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 23/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*LEAP – Building the Future Together Promoting Social Mobility.*'

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 24/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Bank Deposit Slips.*'

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 25/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014.'

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 26/2013 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali'.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Ċirkolari DLG-PQ 07/2013 li hija Mistoqsija Parlamentari numru 4907 rigward *live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward il-'European Week for Waste Reduction, $16^{th}$ to $24^{th}$ November 2013'.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward il-'Business Breakfast – The Economic Recovery: Overcoming the Crisis Together', fl-10 t' Ottubru 2013, fil-Hotel Phoenicia, Floriana.

2.08 Il-Kunsill irċieva Avviż mill-Kummissjoni Elettorali rigward 'Elezzjoni sabiex jinħatar Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali', bil-lista tat-tlettax-il nomina għal din l-elezzjoni tat-12 t' Ottubru 2013.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-'Elezzjoni biex jinħatar Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – is-Sibt, 12 t' Ottubru 2013', fejn twasslet informazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttorat għall-Intrapriżi Żgħar u Artiġjanat, Dipartiment tal-Kummerċ fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar rigward 'Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2013.'

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-CareMalta Group Ltd. rigward in-'Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care.'

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Council for the Voluntary Sector rigward 'Volunteer Organisations Coordinators' Training - Gozo 2013', fit-18 u d-19 t' Ottubru 2013, fil-Kempinski Hotel, San Lawrenz.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mis-Segretarjat Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali rigward 'Med Programme – Call for Proposals on Integrated Maritime Approach'.

2.14 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kap tar-Rappreżentanza, Il-Kummissjoni Ewropea għal 'Djalogu maċ-Ċittadini', dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea, fis-7 ta' Novembru 2013, fil-lukanda Phoenicia, Il-Furjana.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Community Education Team, Accident and Emergency Department fl-Isptar Mater Dei fejn qed jipproponu sezzjonijiet ta' *talks* u *demonstrations* fir-rigward ta' *basic first aid*.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment tal-Eżamijiet fejn ħabbru li ġie ppubblikat il-*Year Planner* li juri d-dati tar-reġistrazzjoni għall-Matsac u l-eżamijiet ta' barra 2014/2015.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA lista ta' applikazzjonijiet li l-MEPA rċeviet u li ġew *validated* dan l-aħħar fil-lokalità tal-Munxar, datata 12 t' Ottubru 2013.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairman*, Vote 16 Monitoring Committee fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali rigward *Seminar* għaż-Żgħażagħ bejn l-14 u t-18-il sena, fis-26 t' Ottubru 2013, fil-Palazz Verdala, Il-Buskett.

2.19 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand The Gozo Business Chamber għall-*General Assembly* u t-13-il Anniversarju tal-*Forum of Insuleur* bit-tema 'Europe 2020 strategy in insular regions through active citizenship', fit-8 ta' Novembru 2013, fil-Grand Hotel, Għajnsielem.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-35 laqgħa u l-Minuti tal-34 laqgħa li saret fit-3 ta' Settembru 2013 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħha lill-Kunsilliera.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura rigward il-'LIFE+ funded DemoEV project on electric vehicles'.

2.22 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 67/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 7 ta' Diċembru 2013', fil-lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra.

2.23 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għat-tnedija uffiċjali tal-iskema ta' Attivitajiet Kulturali għall-Kumitati Reġjonali, Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi, fil-25 t' Ottubru 2013, fil-Kunsill Lokali tal-Birgu.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qegħdin jitwasslu 4 Avviżi maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 19,154 dwar 'Elezzjoni għall-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni.'

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Korporazzjoni Enemalta rigward 'Enemalta Scheduled Downtime Updates', tat-30 t' Ottubru 2013.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-sena 2013'.

2.27 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 71/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jitwassal invit mill-Malta Resources Authority rigward *information session* dwar 'Energy Efficiency in the Building Sector', fit-30 t' Ottubru 2013, fil-Victoria Hotel, Sliema.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward il-proġett 'Kunsilli Lokali Żgħażagħ'.

2.29 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-EU Project Coordinator, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal 'Citizens' Dialogue' mal-Kummissarju Tonio Borg fis-7 ta' Novembru 2013.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta rigward is-servizz tal-Arriva għax-xitwa. Qed inkunu infurmati li s-servizz ta' trasport pubbliku tax-xitwa li ser jibda mit-3 ta' Novembru 2013, Rotta 306, ser jibqa' kull 45 minuta minflok kull 60 minuta u b'hekk se jiżdiedu 5 *trips* kuljum li jibdew mill-5.05 ta' filgħodu.

3.02 Il-Kunsill irċieva żewġ *e-mails* mingħand il-*Manager* ta' GO fejn qed jinforma lill-Kunsill li se jneħħu l-*pay plan* li hemm fi Triq it-Tempju Megalitiku, tnejn fi Triq San Xmun u tnejn oħra fil-*Parking* tax-Xlendi. Il-Kunsill kien ser jikteb li ma jaqbilx.

3.03 Il-Kunsill irċieva talba sabiex titranġa bankina quddiem id-dar St. Paul fi Triq il-Munxar. Din ser issir bil-Kuntrattur li ser jirbaħ it-*tender*.

3.04 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-ETC għal-Laqgħa ta' Informazzjoni – Tnedija tal-iskema Employment Aid Programme għall-Imprendituri Għawdxin u Impriżi f'Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv attenda għal din il-laqgħa iżda din l-iskema mhijiex applikabbli għall-Kunsilli Lokali.

3.05 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 17/2013 – 'Għajnuna Finanzjarja għal-*Live Streaming'.* Il-Bord tal-Evalwazzjoni ddeċieda li l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €2,300 f'għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett. Il-Kunsill għandu jibgħat lid-Direttur għall-Gvern Lokali l-*fiscal invoice* flimkien maċ-ċertifikat iffirmat minn persuna akkreditata fl-IT li x-xogħol sar skont il-*Memo*. Dan ix-xogħol irid jitlesta fi żmien tliet xhur mid-data ta' din l-ittra.

3.06 Il-Kunsill irċieva donazzjoni ta' kotba mingħand Dr Raymond C. Xerri, Direttur tad-Direttorju għall-Maltin li jgħixu barra, fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. B'kollox ingħatajna 22 ktieb. Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lil Dr Xerri.

3.07 Il-Kunsill talab lill-Perit William Lewis sabiex jipproponi *traffic management* għal Triq Dun Spir Gauci fejn tagħti għal Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Huwa ppreżenta proposta ta' *roundabout*, iżda peress li din ir-*roundabout* se tieħu ħafna spazji li jintużaw għall-parkeġġ tal-karozzi tar-residenti, huwa ntalab sabiex jippreżenta proposta oħra billi jsiru bankini li jinkorporaw spazju għal parkeġġ ta' karozzi.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 24/13(31_10_13).

**5.00 Ħatra ta' Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.**

5.01 Ġie mħabbar li sat-8 ta' Novembru 2013, it-tmienja u sittin Kunsill Lokali ser ikunu qed jaħtru l-ambaxxatur jew ambaxxatriċi ta' bejn is-sittax u t-tmintax-il sena biex iwasslu l-vuċi taż-żgħażagħ fil-lokalità. L-ambaxxatur/ambaxxatriċi tista' tipparteċipa f'diskussjonijiet tal-Kunsill waqt il-laqgħa bħal kull Kunsillier ieħor iżda ma jkollhiex dritt għall-vot. Din il-persuna se tkun qiegħda takkompanja lis-Sindku waqt id-diskussjoni li ser issir fil-Parlament nhar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru 2013, proprju fl-okkażjoni tal-20 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.
Dawk iż-żgħażagħ ta' bejn is-sittax u tmintax-il sena li huma residenti fil-Munxar u Ix-Xlendi li huma interessati jistgħu japplikaw. Jistgħu japplikaw billi jibagħtu *e-mail* jew jiġu personalment fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u jridu jipprovdu *photocopy* tal-ID *Card*.
L-ambaxxatur/ambaxxatriċi ser jintgħażel b'vot ta' maġġoranza waqt laqgħa tal-Kunsill. Min jintgħażel irid ikollu l-kunsens bil-miktub tal-ġenituri/kustodji.

**6.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

6.01 Issa li wasal iż-żmien li jitpoġġa l-apparat eletroniku fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi, din trid titnaddaf. Il-Kunsill talab stima mingħand Mr Clean li se tammonta għal €6.40 *per hour per maid*. Sigħat hemm bżonn bejn 60 u 70 siegħa. Il-prezz jinkludi l-*chemicals* u l-*cleaning equipment* kollu li hemm bżonn. Il-prezz ma jinkludix il-VAT.
Kien hemm qbil dwar dan.

**7.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

7.01 Il-Kunsill għadu qed jistenna d-dikjarazzjoni mingħand il-Kuntrattur Road Construction Co. Ltd. rigward is-*sub-contractor*.

**8.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

8.01 Fit-2 ta' Novembru 2013 se jiġi ffirmat il-kuntratt ma' Gatt Tarmac Ltd. Hekk kif ikun iffirmat dan il-kuntratt jinbdew ix-xogħlijiet fuq Triq Ta' Rinota, Triq il-Kavallieri u Triq ir-Rumani.

**11.00 Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.**

11.01 L-ETC talbet lil persuni li huma kandidati eleġibbli sabiex jibagħtu s-CV tagħhom lill-Kunsill sal-11 t' Ottubru 2013. Kienu 13-il persuna li bagħtu s-CV tagħhom. Ser isiru l-intervisti fit-12 ta' Novembru 2013.

Peress li kienu saru t-8.00 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru 2013, fis-7.00 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |